**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 859/2015 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 35**

**Argus Insurance Agencies Limited… (C597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta" estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta" Sea Bank Catering Company Limited ai termini tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* u ai termini tal-ligi u l-istess Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta" Sea Bank Catering Company Limited (detentur tal-karta tal-identita' 26060M)**

**La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex**

**Vs**

**Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar in rapprezentanza tal-istess Kunsill.**

**Kunsill Lokali Naxxar, Centru Civiku, Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar**

**Skont id-digriet datat 19 t'Ottubru 2017 qed tigi kjamata fil-kawza**

**Enemalta plc**

**Skont digriet datat 25 ta' Jannar 2018 gie kjamat fil-kawza**

**Ivan Borg**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur noe et fit-30 t' Ottubru 2015 li permezz tieghu talab li l-Kunsill konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sittax -il ewro u sittax-il centezmu (€416.16c) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' hamsa u hamsin ewro (€55) rapprezentanti l-excess imhallsa mill-attur Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'' Sea Bank Catering Company Limited ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u in kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u wiehed u sittin ewro u sittax-il centezmu (€361.16c) rapprezentanti l-indenniz li s-socjeta' attrici Argus Insurance Agencies Limited noe ghamlet favur l-assigurat taghha dwar danni subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBN 669 proprjeta' tal-attur Silvio Debono noe meta kienet qed tinstaq fi Triq ir-Ramla, Naxxar kien hemm hofra sostanzjali li imtliet bix-xita u ghalhekk ma kienetx tidher u li kienet responsabilita' tal-Kunsill konvenut li jassigura li tali triq tinzamm fi stat ta' manutenzjoni tajjeb.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut a fol 7 li permezz taghha eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal ; u li l-Kunsill ma ghandux jirrispondi ghat-talba billi fiz-zmien meta sehh l-incident it-triq in kwistjoni kienet in segwitu ghall-ordni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta qed tintuza bhala 'diversion road' ghat-traffiku minn Triq il-Kosta u ghaldaqstant kienet taqa' taht ir-responsabilita' tal-istess Awtorita'; li bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra r-rispsota tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta a fol 10 li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija intempestiva stante li l-Awtorit'a intimata qatt ma giet infurmata bl-allegat incident u lanqas ma giet interpellata biex tersaq ghal hlas tal-allegati danni; li l-Awtorita' intimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; li bla pregudizzju ghas-suespost jinkombi fuq is-socjetajiet attrici u lil attur li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement d-danni reklamati qed jigi kkontestati.

A fol 13 it-Tribunal approva li l-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta hija kjamata fil-kawza f'dawn il-proceduri.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal a fol 85 sabiex l-Enemalta plc tigi kjamata fil-kawza.

Ra r-risposta tal-Enemalta plc a fol 88 li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija preskritta fil-konfront taghha ai termini tal-artikolu 2128 u 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra l-Enemalta plc hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-Enemalta plc ma kienetx responsabbli ghal incident de quo; li Ian Borg jew haddiema tieghu kienu qeghdin jahdmu fl-akkwati u ghaldaqstant ghandu jigi kjamat in kawza sabiex jirrispondi direttament ghat-talba avvanzata mir-rikorrenti; ghalhekk in vista tal-premess l-Enemalta plc qed titlob bir-rispett li dan it-Tribunal joghgbu jordna l-kjamat fil-kawza ta' Ian Borg (K.I 1271M) ta' 108, Nickjack, Triq Mons FX Mangion, Siggiewi fil-kawza fl-ismijiet premessi jew jaghti kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun; li ghalhekk l-Enemalta plc ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li m'hijiex responsabbli ghal incident in kwistjoni. Li fil-mertu l-pretensjoni tar-rikorrenti hija assolutament ikkontestata u l-Enemalta plc ma jista jkollha l-ebda responsabilita' diretta jew indiretta ghad-danni sofferti mir-rikorrenti u ghaldaqstant r-rikorrenti ghandhom jaghmlu prova tad-danni skont il-ligi.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal a fol 89 sabiex jigi kjamat fil-kawza Ivan Borg.

Fir-risposta tieghu Ivan Borg eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16; li fil-mertu huwa jirrileva li qabel bdew ix-xogholijiet huwa ha l-mizuri necessarji u opportuni sabiex jindika li fl-akkwati kienu qed isiru xogholijiet u ghalhekk ma jistax jigi misjub responsabbli ghad-danni sofferti.

Ra x-xhieda ta' PS 1270 Antoine Zammit (fol 38) li permezz taghha pprezenta r-rapport li kien sar fl-Ghassa tal-Pulizija;

Ra l-affidavit ta' Maximillian Borg Bonello, Claims Manager mas-socjeta' attrici a fol 47 li permezz tieghu xehed li l-vettura GBN 669 proprjeta' ta' Silvio Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Bank Catering Company Limited kienet inxjurata mas-socjeta' attrici. Li Debono ghamel claim fil-05 ta' Marzu 2015 maghhom wara li rraporta li fis-26 ta' Frar 2015 meta Veronica Debono kienet qed issuq din il-vettura, l-vettura soffriet hsarat senjatament fir-rota ta' wara tan-naha tax-xellug wara li nstaqet fuq hofra mimlija ilma li ma kienetx tidher. Huwa spjega wkoll li s-socjeta' hallset erba' mija u sittax-il ewro u sittax-il centezmu (€416.16c) lil Debono.

A fol 63 xehdet Veronica Debono li spjegat kif gara l-incident meta hija kienet qed issuq il-vettura in kwisjtoni u kif wara erbat ijiem mill-incident meta hija marret fuq il-post tiehu ritratti sabet li l-hofra kienet giet miksija.

A fol 65 xehed Walter Vella li kkonferma li a fol 48 huwa l-'motor vehicle accident claim form' tas-socjeta' attrici li huwa motor surveyor. Huwa spjega li l-vettura hija BMW X5 u li din ghandha bzonn tip ta' tyres li jghidulhom 'round flat' u li t-tyre kellu qasma li kkonferma li saret b'xi hofra minn go triq.

A fol 74 xehed Nicholas Baldacchino mit-Transport Malta li esebixxa l-parti mmarkata bil-lewn roza li kienet qed tuza l-Awtorita' dakinhar tal-incident (fol 72) u kkonferma li l-Awtorita' kienet ghamlet zmien tuza din it-triq bhala 'alternative route' meta kienu qed isiru x-xogholijiet tal-Coast Road pero' mhux it-triq kollha u ghalhekk fejn gara l-incident huma ma jistghux jghidu jekk dan garax f'dik il-parti li kienet qed tuza l-Awtorita'. A fol 85 fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 l-istess xhud ddikjara li l-parti tat-triq mmarkata bil-blue a fol 32 kienet tintuza mill-Awtorita' bhal 'diversion route' minhabba x-xogholijiet li kienu qed isiru fi Triq is-Salina u ddikjara li l-hofra kienet hofra li thalliet mill-Enemalta wara li ghamlu xoghol u dakinhar stess ufficjali mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta infurmaw lil Enemalta biex jirrangaw dik il-parti tat-triq kif kien l-obbligu taghhom.

A fol 110 rega xehed Nicholas Baldacchino li wara li ccekaw il-hsarat li kien hemm fejn sehh l-incident l-informazzjoni li ghandu huwa li dan kien xoghol li kien sar min-naha tal-Enemalta. Il-fill tat-tarmac ma sarx kif suppost u fl-ewwel xita li ghamlet inqala' u kien hemm hofra kbira. Huwa prezenta e-mail tal-Perit Sarah Pace mill-Awtorita' ssaqsi min qed jiehu hsieb is-sit in kwistjoni u r-risposta li nghatat. Huwa jammetti li l-permess johrog dejjem mill-Awtorita' ghal Trasport Malta izda l-Enemalta ghandhom is-sistema tal-Awtorita' li jidhlu fiha u johorgu l-permess huma stess. Dan jigi awtomatikament approvat mill-Awtorita' ghaliex l-Enemalta ghandha hafna cables ghaddejjin u qallu jkunu jridu jaghmlu xoghol b'emergenza.

In kontro-ezami huwa gie mitlub jiccekja lil min kelmet da parti tal-Enemalta plc il-Perit Sarah Pace.

A fol 126 xehed Robert Dimech Forman fuq id-distrett u li huwa kien imur fuq l-post u li kien hemm il-kuntrattur jaghmel ix-xogholijiet. Huwa kkonferma li l-Enemalta fis-26 ta' Frar 2015 huma kienu qed jaghmlu xogholijiet fi Triq ir-Ramla, Naxxar.

A fol 130 xehed Reuben Borg li huwa ma marx fuq l-post fis-sena 2017 meta dahal ilment mal-Enemalta plc.

A fol 131 xehed Jesmond Brincat li kkonferma li l-kuntrattur kien Ivan Borg u pprezenta dokumenti li juru dan.

A fol 133 xehed Redent Balzan, Divisional Manager Human Resources mal-Enemalta li meta ccekkja mar-records taghhom tal-claims huwa ma sab ebda claim u l-kaz l-Enemalta saret taf bih fis-sena 2017 meta irceviet l-atti ta' din il-kawza.

A fol 144 ra n-Nota prezentat mill-Kunsill konvenut li in vista tax-xhieda ta' Nicholas Baldacchino moghtija fl-20 ta' Novembru 2018 cioe' li x-xoghol tat-tarmac ma sarx sew mill-Enemalta huwa ddikjara li ser jistrih fuq l-provi diga migbura fl-atti.

Ra l-affidavit ta' Ivan Borg kjamat in kawza a fol 147 li permezz tieghu jammeti li xogholu huwa ta' kuntrattur u li jaghmel trinek fit-toroq ghal Agenzija tal-Gvern fosthom l-Enemalta u li ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena esperjenza f'dan il-qasam. Li l-ewwel darba li ircieva dettalji dwar dan il-kaz kien f'Marzu 2018. Huwa kien qed jaghmel xogholijiet ghal Enemalta vicin il-Maghtab u li kelhom jaqilghu parti mit-triq biex isiru x-xogholijiet ta' tiswija f'cable li kien taht l-art. Huwa jghid li meta kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet kienet qed taghmel hafna xita u f'hin minnhom ma setghux jahdmu u stennew fit-truck tieghu sakemm tieqaf ix-xita. L-Enemalta s-sena l-ohra cioe' fis-sena 2018 kelmitu dwar dan l-incident u wrietu ritratti kif kien armat il-post fejn sehh l-incident u meta rahom huwa hass li kienu ghamlu kollox kif suppost.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha lil avukati tal-partijiet jitrattaw il-kawza.

Konsiderazzjoni

Dwar l-eccezzjoni dwar il-kompetenza sollevata mill-Kunsill konvenut – din giet deciza mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fid-29 ta' Lulju 2016 liema sentenza ma tatx ragun lill-istess Kunsill konvenut.

Dwar il-mertu

Dan huwa kaz li gara fit-02 ta' Marzu 2015 (fol 42) meta l-vettura GBN 669 kienet qed tigi misjuqa fi Triq Ramel, Naxxar, saqet ghal go hofra li kienet miksija bl-ilma u kkawzat danni fir-rota tal-vettura liema danni jammontaw ghal erba' mija u sittax-il ewro u sittax-il centezmu (€416.16c) li hija s-somma mitluba mill-attur noe et tenut kont li l-vettura kienet assikurata mal-istess socjeta' attrici.

Illi dwar il-fatti ta' kif gara l-akkadut kulhadd qed jabqel; li ma hemmx qbil huwa dwar min huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Jirrizulta mill-provi li t-triq kienet qed tintuza minn l-Awtorita' ghal Transport Malta dak iz-zmien, li l-istess Awtorita' tat permess lil Enemalta plc biex isir thaffir ta' trinek u li l-Enemalta plc qabdet lil kuntrattur Ivan Borg biex jaghmel dawn ix-xogholijiet, jirrizulta wkoll li veru li ghamlet hafna xita meta kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet kif jammetti Ivan Borg stess fl-affidavit tieghu.

Preskrizzjoni

L-Enemalta plc qed teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2128 u tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li Ivan Borg qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-istess Kap.

Mill-atti jirrizulta li l-Enemalta giet notifikata b'dan l-atti fit-23 ta' Novembru 2017 (fol 86) filwaqt li Ivan Borg gie notifikat fit-22 ta' Marzu 2018. L-ittra ufficjali mibghuta mill-atturi fit-18 ta' Awwissu 2015 (fol 57) giet notifikata biss lill-Kunsill konvenut u ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16 eccepiet mill-Enemalta plc jirrizulta li ebda att gudizzjarju ma gie intavolat u wisq aktar notifikat lill-Enemalta mill-atturi.

Kif gie ritenut mill-Qrati taghna fosthom fil-kawza: **Bartolomeo Zarb v Jesmond Camilleri et Qorti tal-Appell per Prim Imh Vincent de Gaetano, deciza fis-7 ta' Ottubru 2015** *"Il-fatt li l-konvenut odjern kien kjamat fil-kawza precedenti ma jinterrompix il-preskrizzjoni a favur tal-attur odjern. Il-kjamat fil-kawza huwa konvenut fis-sistema avversorjali u ghalhekkk ien qieghed jigbed l-istess habel tal-konvenut f'dik il-kawza.* U l-istess fis-sentenza: **Michael Vella vs Andrew Camilleri moghtija minn l-istess Qorti kif preseduta fit-28 ta' Novembru 2003** u cioe' li l-l-kjamat fil-kawza huwa konvenut.

Dan it-Tribunal ser jghaddi biex jistharreg jekk tirrizultax pruvata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art.2153.

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet: **Stencil Pave (Malta) Limited vs Kunsill Lokali Naxxar, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta Mejju 2003**:
"*Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, l-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq";*
Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju **(Qorti tal-Appell – "Holland noe vs Chetcuti" – 25 ta` Frar 2000).**

Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-04 ta` Dicembru 1987 fil-kawza: **Causon vs Sheibani noe** -
*"Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti taddata meta l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli talpreskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

Gie ritenut ukoll li huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited deciza minn din il-**

**Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004**, u **Ellul noe vs Vella noe deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).**

Il-konvenuti kjamati fil-kawza qed jallegaw illi l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153. Dan l-artikolu jghid illi l-azzjonijiet ghad-danni mhux naxxenti minn reat huma preskrivibbli gheluq sentejn. Dan l-artikolu japplika ghal azzjoni ghad-danni naxxenti minn relazzjoni extra kontrattwali.

Gie ritenut fis-sentenza moghtija fl-ismijiet: **Laurenti Giovanni sive Vanni Et vs Mapa Holdings Ltd deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Mejju 2003** li:
*"Il-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bil-fors konsegwenza ta' inadempiment ta' xi obbligazzjoni li li tohrog mill-kuntratt. Il-preskrizzjoni ta' tali ghemil illecitu, li ma jammontax ghal reat, hija dik ta' sentejn taht l-art. 2153."*
Sabiex tirrizulta din il-preskrizzjoni, huwa mehtieg li d-danni jkunu jidderivaw minn *culpa aquiliana* u cioe` minn htija mhux kontrattwali, kif ukoll li ma jkunux il-konsegwenza ta` reat.

Sabiex ikun determinat iz-zmien meta jibdew jiddekorru s-sentejn, trid issir referenza ghall-Art. 2137 tal-Kap.16 li jaqra hekk:
*"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Fil-kaz tal-lum, l-azzjoni setghet tigi ezercitata mill-mument li gara l-incident cioe' mit-02 ta' Marzu 2015. Huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf. Ghal kull buon fini ghalhekk dan it-Tribunal iqis li huwa f'din id-data cioe' fit-02 ta' Marzu 2015 li li fih twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina **(ara Laurent "Principii di Diritto Civile",Vol. XXXII para 16)**, u li jrid bhala bidu ta' tluq taz-zmien preskrittiv l-artikolu 2137, Kodici Civili. Ara b'ezemplari ta' dan il-principju decizjonijiet **(Vol. XXVIII P Ip 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509 u Vol.XXXVII P I p**

**622)**, fost bosta ohrajn. L-artikolu 2153 tal-Kodici Civili jippreskrivi t-terminu ta' sentejn li fih ghandha tittiehed azzjoni gudizzjarja. L-incident gara fit-02 ta' Marzu 2015 u l-kjamati in kawza Enamalta u Ivan Borg gew notifikati b'dawn l-atti fit-23 ta' Novembru 2017 u fit-22 ta' Marzu 2018 rispettivament u ghalhekk ferm wara s-sentejn mill-akkadut.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taz-zewg kjamati fil-kawza qed tigi milqugha.

Dwar il-mertu, mill-atti jirruzulta li t-triq in kwistjoni meta sar l-incident kienet qed tintuza mill-Awtorita' tat-Trasport Malta, li l-Awtorita' tat-Trasport Malta tat permess lil Enemalta biex isir it-thaffir u li ghalhekk meta tenut kont li kienet din l-Awtorita' li tat tali permess, xorta jibqa l-fatt li b'dan hija ma zvestitx ruhha mir-responsabilita' li tara li f'dik it-triq ix-xogholijiet isiru kollha kif suppost**.** L-artikolu 1031 tal-Kodici Civili jiddisponi li:

*"Kull wiehed iwiegeb ghal hsara li tigri bi htija htija tieghu."* U mill-provi jirrizulta li t-tlett rekwiziti sabiex tirnexxi tali azzjoni jikkonkorru fil-konfront tal-Awtorita' intimata cioe:

*(i)* *prova tad-dannu mgarrab inkombenti fuq min jallegah (dan gie pruvat mill-atturi noe);*
*(ii)* *il-kondotta doluza jew kolpuza (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut u*
*(iii)* *n-ness kawzattiv bejn tali d anni u tali kondotta (**vide ohrajn George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe appell Kummerjali 2 ta' Marzu 1962**).*

Dwar it-tieni rekwizit, igi rilevat li d-dottrina u l-gurisprudenza hija aktar inklinata li xorta waħda takkolji ħtija fuq entita` pubblika, f'cirkostanzi simili, minkejja illi tkun tefgħet l-obbligi konnessi mal-esekuzzjoni tal-kuntratt kollha fuq il-kuntrattur. Hekk insibu jigi mgħallem per eżempju illi:

"*When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor*." 11 Charlesworth: On negligence (2-304) fejn jigi kkwotat Lord Justice A L Smith.

L-istess insibu l-Qorti tal-Cassazione fl-Italja tiddeciedi illi:

"*Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che espliti lavori sulla strada, ha l'obblogo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire i cittadini della preclusione al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente.*" [12] Cass. Civ. 6.8.65; kif riprodott minn Roberto Rovelli: "Responsabilta" Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade.

Ta' fehma simili jidher li huma l-Qrati tagħna meta adottaw il-principju illi:

"... *kien jinkombi b'dover fuq l-awtorita' pubblika, u dan jgħodd ukoll għall-entita' pubblika, responsabbli minn* certi *xogħlijiet, illi tassikura li l-użu tat-triq u l-flow of traffic jigu żvolti mingħajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-miżuri prekawzjonali li jħarsu l-inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkunu qed jagħmlu użu mit-triq. Hekk per eżempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet oħra adegwati. L-istess awtorita' jew entita' pubblika għandha wkoll id-dover li tħares, b'indukrar sufficjenti, illi fl-esekuzzjoni ta' xogħlijiet stradali, kuntratturi inkarigati jkunu qegħdin huma wkoll jieħdu l-miżuri protettivi għall-aħjar ħarsien tat-terzi. Jekk l-awtorita' jew entita' pubblika tonqos f'dan tista', u għandha, issib ruħha rinfaccjata minn domanda għar-riżarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-każ in specje.*" **Richard Fenech vs Rook Construction Limited et: Prim'Awla: 3.10.2003**;

Dan it-tieni rekwizit ghalhekk gie pruvat.

Dwar it-tielet rekwizit, cioe' n-ness kawzattiv bejn tali danni u tali kondotta (vide ohrajn **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe appell Kummerjali 2 ta' Marzu 1962**) anke tali prova saret meta gie pruvat li l-kuntrattur inkarigat mill-Enemalta plc ma ghamilx it-tarmac tajjeb u inqalgha bix-xita u ghalhekk kien hemm dik il-hofra li kkawzat tali danni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni taz-zewg kjamati fil-kawza dwar il-preskrizzjoni, u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut u jsib lill-Awtorita' ta' Transport Malta responsabbli ghad-danni sofferi mill-istess atturi u ghalhekk jilqa' t-talba tal-attur noe u jordna lill-Awtorita' ghal Transport Malta thallas lill-attur noe et is-somma ta' erba' mija u sittax-il ewro u sittax-il centezmu (€416.16c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-istess Awtorita' ghal Transport Malta izda mhux dawk tal-ittra ufficjali u tal-ittra legali mibghuta mill-atturi noe et.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**